MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1112/2005

**Frank Borda Limited – C446**

**Vs**

**Anthony Cowles I.D. 480455(M) u**
**Anna Cowles I.D. 604660(M)**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' mitejn u disgha w erbghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm249.81c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz tat-talba kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra n-Nota ta' Riduzzjoni pprezentata fl-4 ta' Lulju, 2005 li biha s-socjeta' atrici rriduciet it-talba taghha ghal mitejn u dsatax-il lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm219.81c) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza.

Ra li l-konvenuti Anthony u Anna Cowles, debitament notifikati, ma kkontestawx it-talba attrici.

Sema' lil Dr Claudine Zarb tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u dsatax-il lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm219.81c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------